MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2010

Numru. 438/2005

**Il-Pulizija**

**Spettur Maurice Curmi**

**Vs**

**NATAL FAVA**

**Illum ta' Novembru 2010**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **NATAL FAVA** bin Anthony u Mary nee' Debrincat, imwieled nhar il-hmistax ta' Mejju 1959, residenti gewwa Flat 1, St. Francis Court, Triq Patri Anton Debono SJ, Rabat Ghawdex u li ghandu karta tal-identita' numru 29959(G) gie mressaq quddiemha w akkuzat talli fit-18 t'Awissu 2005 u granet sussegwenti :-

1. Ikkommetta vjolazzjoni ta' proprjeta' meta abbusivament dahal f'porzjon art maghrufa bhala 'Gnien is-Sultan' drabi ohra maghrufa bhala 'Ta' Marziena' fil-limiti tax-Xewkija, Ghawdex, liema art tinsab fil-pusess t'Anna Sultana, kif ukoll talli caqlaq il-qsami ta bejn iz-zewg ghelieqi a detriment tal-istess Anna Sultana .

2. U aktar talli fl-istess jiem u lok, sabiex jezercita jedd li jippretendi li ghandu bl-awtorita' tieghu nnifsu, qabad u dahal fl-art maghrufa bhala 'Gnien is-Sultan' drabi ohra maghrufa bhala 'Ta' Marziena' fil-limiti tax-Xewkija, Ghawdex, liema art tinsab fil-pussess t'Anna Sultana bi ftehim li sehh bejn l-ahwa stess.

3. Aktar talli offenda u ngurja permezz ta' kliem miktub fuq l-istess qsami, liema kliem huwa ta' natura offensiva, ngurjuza w oxxena.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fl-atti w semghet ix-xhieda kolha prodotta mill-prosekuzzjoni kif ukoll lill-imputat jixhed minn jeddu b'mod volontarju.

Illi nhar il-15 ta' Dicembru 2005 xehed **il-Perit Anglu Portelli** w esebixxa pjanta tal-porzjon raba' li ghandhom in komuni l-ahwa, fosthom Anna Sultana, u fejn Natal Fava qed jahdem xi porzjon.

Dakinhar xehdet ukoll **WPS 160 Josephine Camilleri** u qalet li nhar it-11 ta' Awwissu 2005 ghal habta tas-sitta w nofs ta' filghodu (6.30a.m.) kien mar l-imputat l-ghassa tal-pulizija tar-Rabat Ghawdex u rraporta li l-gebel li kien hemm bejn il-proprjeta' tieghu u t'ohtu Anna Sultana kienu iccaqilqu. Ikkonfermalha li l-ghelieqi huma maghrufa bhala 'Ta Marziena'. Jghid li l-ahhar li kien hemm kien nhar is-6 t'Awissu 2005 u kollox kien ghadu sew. Huwa ndika lil ohtu Anna Sultana bhala l-persuna li caqilqet il-qsami.
Tkompli jghid li fl-20 ta' Awwissu 2005 Anna Sultana ammettiet li flimkien ma' zewgha kienet mexxiet il-qsami li jifirdu l-proprjeta' tieghu minn dik t'ohtu. Qalet li huha l-imputat rega' mexxihom u li ghalhekk dakinhar tal-20 t'Awissu huwa kien baghtilha SMS sabiex tmur fl-ghalqa

sabiex jerga’ jmexxi l-qsami. Hija qaltilha li ma marritx u insistiet maghha li l-ghalqa tappartjeni ghal certu Carmela Scicluna li tghix New York, izda kkonfermat li l-imputat jahdimha.
Hija ghalhekk regghet kellmet lill-imputat li min-naha tieghu ikkonferma li verament kien baghat SMS lil ohtu u kien qalilha li kien importanti li tmur fl-ghalqa ghaliex kienu ser jaghmlu l-qsami mill-gdid. Qal li huwa kien qabbad lil *draughtsman* Salvu Bonello sabiex jerga’ jaghmel il-qsami skond il-pjanti li kellhom. Qal li dakinhar Bonello ghamel dak li gie mitlub jaghmel.
Qalet ukoll li Anna Sultana kienet qaltilha li l-imputat kien kiteb il-kliem “L…..” u “bahnan” fuq il-qsami li kien caqlaq. Hija esebiet kopja tal-kwerela, hames ritratti w l-okkorrenza relattiva

Nhar il-15 ta’ Gunju 2006 xehed l-**imputat** minn jeddu w qal li l-art murija fis-*site plan* esebita tappartjeni lil Joint Office u l-qbiela kienet tghajjat lil missieru. Qal li pero’ mill-24 ta’ Frar 2006 din l-art giet issejjah lilhom l-ahwa u fil-fatt qasmuha bejniethom. Qal li ohtu Carmen Scicluna, li tinsab barra minn Malta, taghtu l-permess li jahdem l-art taghha. Huwa qal li tefa’ l-gebel fl-art bil-permess tal-MEPA. Ikkonferma li l-art giet maqsuma minghajr ma hadu l-qisien. Qal ukoll li ghal dawn l-ahhar tliet snin Anna ma hadmitx l-art.

Huwa esebixxa dokument mahrug mill-Ministeru tal-Gustizzja u Intern fejn jindika li l-art qieghda registrata fuq isem Carmela Scicluna *in solidum* ma’ terzi, fosthom Anna Sultana. Dan id-dokument gie markat bhala Dok NF1. Esbixxa wkoll dokument iehor li gie mmarkat bhala Dok NF1 li jindika li hemm qbil bejn l-ahwa li l-art ghandha tigi maqsuma bejniethom. Esebixxa wkoll dokument mill-MEPA li jindika li m’hemmx bzonn ghal Development Notification Order sabiex jaghmel ix-xoghol li xtaq jaghmel, u cioe’ ‘*to construct a boundary rubble wall*’. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dok Z.

Illi nhar il-25 ta’ Jannar 2007 l-imputat rega’ xehed u qal li huwa tefa’ t-terrapien f’dik il-porzjon art li huwa kien taht l-impressjoni li hija l-art okkupata minnu.

Il-Qorti zammet access nhar is-27 ta’ Lulju 2007 fl-ghalqa mertu tal-kawza fejn gie muri lilha fejn l-imputat pogga l-munzell gebel, u sussegwentement giet murija dik il-parti tal-ghalqa fejn l-imputat kien bi hsiebu jtella’ hajt.

Nhar it-12 ta’ Mejju 2008 xehed **Vince Gilson** ghan-nom u in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-Artijiet u kkonferma li r-raba’ in kwistjoni mertu tal-kawza hija registrata maghhom f’isem diversi nies *in solidum*. Huwa esebixxa lista li giet immarkata bhala Dok Z li tindika s-sidien li huma rikonoxxuti maghhom. Jghid li originarjament il-persuna rikonoxxuta kienet Anthony Fava, izda llum hemm in-nies indikati fid-dokument Z. Jghid li l-imputat mhux rikonoxxut, u jghid li m’ghandux notamenti fil-file li Carmela Scicluna ghaddiet xi art lill-imputat.

Jinghad li minn ezami tal-atti processwali jirrizulta li Anna Sultana f’din il-kawza ma xehditx, almenu minn dak li jirrizulta mill-verbali, u dan ghaliex il-Qorti m’ghandhiex amment a memorja.

Illi fil-21 ta’ Jannar 2009 xehed **Lawrence Fava u** dan stqarr li huwa jmur fl-ghelieqi in kwistjoni xi tlett darbiet fil-gimgha u jahdem porzjon raba’. Ikkonferma li darba minnhom f’Awwissu 2005 huwa kien mar jahdem ir-raba’ u sab li l-qsami gew imcaqalqa. Jghid pero’ li min caqlaqhom ma jafx. Ikkonferma li r-raba’ ghadha mhux maqsuma.

Ikkunsidrat:

Illi Dr. Grech ghall-parte civile argumenta li l-imputat caqlaq il-qsami, kif ammess minnu stess, u b’hekk dahal fil-porzjon raba’ mahdum minn Anna Sultana. Huwa jghid li Fava ma kellu l-ebda dritt imiss il-qsami u b’dak li ghamel ha l-ligi b’idejh ghax ippretenda li kellu dritt. Isostni li dak li ghamel l-imputat jammonta proprju ghar-reat ta’ *raggion fattasi*.

Dr. Refalo min-naha l-ohra jghid li l-imputat agixxa skond il-Ligi, u cioe' pogga l-qsami kif kienu *a tempo vergine* li gew imcaqalqa - u dan vera ghamlu ghax kellu dritt – *vim vi repellere*.

Skond sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs John Dimech</u>** deciza nhar l-24 ta' Gunju 1961 "*id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat-tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu*".

L-elementi kostituttivi tar-*raggion fattasi* skond is-sentenza moghtija nhar it-30 ta' Settembru 1996 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Emmauel Muscat et</u>** huma erbgha, w cioe:
1."*l-att estern li jispolja lil haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizjoni espressa jew prezunta ta' dan il-haddiehor.*
*2. Il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt.*
*3. Il-koxjenza tal-agent li hu jkun qieghed jghamel de privato braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita pubblika; u*
*4. Nuqqas ta titolu li jrendi il-fatt aktar gravi*."

Effettivament jidher car bl-artikolu msemmi li l-ligi trid tipprotegi l-*istatus quo* kontra min jiehu l-ligi b'idejh, indipendentement minn jekk l-aggressur jew il-vittma jkollux dritt jew le.

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Eileen Said</u>** deciza nhar id-19 ta' Gunju 2003 fejn gie enfasizzat li "*element kostituttiv ta' dan ir-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju. Ghalhekk hemm bzonn li ssir indagini fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li kkommettiet dan ir-reat biex taghmel*

*dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu it-tgawdija taghha.”*

Issa mill-provi prodotti minn imkien ma jirrizulta li l-imputat verament mess il-qsami w mexxihom, izda dan ghamlu malli nnota li effettivament dawn l-istess qsami kienu gew imcaqalqa. M’hemmx dubbju, kif qalet l-istess Anna Sultana lil WPS 160, li kienet hi li mexxiethom l-ewwel, u ghalhekk l-imputat kellu ragun jerga’ jcaqlaq il-qsami. Fil-fatt ghalhekk huwa kellu dritt jerga’ jpoggi l-qsami fi *status quo ante* u ma kellux ghalfejn ifittex b’Awtorita Pubblika sabiex jaghmel dak li ghamel. Dwar din l-akkuza l-Qorti taghmel referneza ghal sentenza ohra moghtija minnha illum stess fl-ismijiet premessi fejn trattat il principju ta’ *vim vi repellere*. Illi pero’ bla xhieda ta’ Sultana l-Qorti ma setghetx tivverifika jekk dak li rraportat il-pulizija kienx minnu jew le. Illi ghalhekk din l-akkuza dwar *raggion fattasi* ma tirrzultax lanqas remotament.

Dwar it-tieni akkuza, u cioe’ li l-imputat fl-istess data, hin u lok dahal fil-proprjeta’ t’Anna Sultana, tirrizulta mill-provi u dan minn dak li qal l-imputat stess, li huwa mexxa xi qsami, li kienet mexxiet l-istess Anna Sultana. Ghalhekk din l-akkuza tirrizulta provata.
Dwar it-tielet akkuza, u cioe’ li l-imputat offenda w ingurja permezz ta’ kliem miktub fuq l-istess qsami, liema kliem huwa ta’ natura offensiva, ngurjuza w oxxena, jirrizulta li Sultana kienet irraportat lill-imputat li ghamel hekk kif jirrizulta mill-okkorenza. Veru li Sultana ma xehditx biex tikkonferma dan, pero’ lanqas l-imputat ma cahad li ghamel hekk meta xehed il-Qorti f’zewg okkazjonijiet, u cioe’ cahad dak li hemm imnizzel fl-okkorrenza tal-pulizija esekuttiva esebita fl-atti , u ghalhekk din l-akkuza tirrizulta pprovata.

**Il-Qorti rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe’ l-Artikoli 85, 339(e) u 340 (d) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta u <u>tiddikjara li ma ssibx lill-imputat NATAL FAVA hati tal-ewwel akkuza w tilliberah minnha, filwaqt li ssibu hati tat-tieni u tat-tielet akkuza u tikkundannah ammenda ta’ erbghin Euro (€40) ghal kull akkuza li sabitu hati taghha.</u>**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------